# Il-Ħrafa tax-Xhur (Reċta)

## Addattament ta' ħrafa antika Maltija minn Trevor Żahra

*Jieħdu sehem:*

In-narratur

In-nanna

Il-furnara

Jannar

Frar

Raġel xiħ

| | |
|---|---|
| NARRATUR: | Darba waħda kien hemm mara xiħa u fqira li kienet tgħix waħidha. Lejla waħda kien dawl ta' qamar mill-isbaħ u x-xwejħa ma xtaqetx tibqa' msakkra ġewwa f'lejla sabiħa bħal dik. |
| NANNA: | Ilejla mmur passiġġata għad-dawl ta' qamar. Niġbed lejn il-foresta għax hemmhekk min jaf x'paċi jkun hemm. |
| NARRATUR: | U hekk għamlet. U tant ħadet gost timxi, li xejn ma ntebħet li kienet tbiegħdet sewwa mid-dar u li ma kinitx taf kif se taqbad issib it-triq lura. |
| NANNA: | X'waħda din! Issa fejn se nistkenn matul il-lejl? Stenna ftit! Donni qed nilmaħ bħal dawl fil-bogħod. Iva! Dik donnha t-tieqa ta' xi dwejra qalb is-siġar. Hekk nagħmel, immur |

inħabbtilhom u nara jagħtunix kenn għal-lejl. Imbagħad, la jisbaħ, malajr jirnexxili nsib it-triq lura.

NARRATUR: Ix-xwejħa mxiet lejn dak id-dawl u wara ftit minuti sabet ruħha quddiem dwejra mrekkna qalb is-siġar. Ħabbtet il-bieb u ġie jiftħilha żagħżugħ fuq tiegħu. Malli x-xwejħa qaltlu b'dak li kien ġralha, iż-żagħżugħ minnufih stedinha biex tgħaddi ġewwa.

JANNAR: Bil-qalb kollha, nann. Poġġi hawn bilqiegħda. Hawn ara, dawn huma ħuti. Kif qed tara kollha subien. Tnax b'kollox.

NANNA: Alla jbierek. Il-lejla t-tajba wliedi u niżżikom ħajr tal-qalb tajba tagħkom.

FRAR: Hawn nann ... ixrob din l-iskutella kafè sħun. U hawn żewġ kisriet ħobż.

JANNAR: Allura nann, x'tgħidilna dwar Jannar?

NANNA: Eh, Jannar mimli barka u sliem, ibni. Iġibilna x-xita u jkabbrilna l-ħxejjex. U x-xemx ta' Jannar m'hawxn isbaħ minnha. Ix-xjuħ ta' dari kienu jgħidu: "Meta x-xemx issaħħan f'Jannar, fis-sajf ikollok biex timla d-dar!"

FRAR: U dwar Frar ... x'tgħidilna nann?

NANNA: Frar fawwar jimla l-bjar! Hekk kienu jgħidu x-xjuħ tagħna: "Fi Frar kull xitla bl-inwar! L-ilma barka t'Alla u Frar iġibilna minnu bil-bosta.

| | |
|---|---|
| NARRATUR: | U hekk, wieħed wara l-ieħor kull żagħżugħ beda jistaqsiha dwar ix-xhur tas-sena u x-xiħa sabet xi ħaġa sabiħa f'kull xahar. Qaltilhom li Marzu kien jiftaħ il-bieb għar-rebbiegħa. April qalet li huwa x-xahar tal-bnazzi meta l-jum jidher sewwa li beda jitwal. Lil Mejju sejħitlu x-xahar tal-ward u l-fjuri u Ġunju x-xahar tal-ġid meta l-bdiewa jaħsdu l-qamħ mill-għelieqi tagħhom. |
| NANNA: | U Lulju huwa x-xahar tal-baħar u tal-ħut. Awwissu? Eh, Awwissu xahar mill-isbaħ għax jimliena bil-frott. Imbagħad jasal Settembru ... ix-xahar tal-għasir tal-għeneb, tar-rummien. Ottubru u Novembru ħelwin wisq għax huma x-xhur tal-ġabra tal-familja. U Diċembru ...kif tista' ma tħobbux lil Diċembru...ix-xahar tal-Milied! |
| NARRATUR: | Iż-żgħażagħ kollha ħadu gost jisimgħu dan il-kliem u f'daqqa waħda x-xiħa ndunat li kien beda jisbaħ. |
| JANNAR: | Issa jiena niġi nwasslek sa tarf il-foresta. Imma qabel titlaq nixtiequ nagħtuk dan il-bastun. Meta tasal id-dar, żomm il-bastun f'idek u għidlu, "Agħmel li għandek tagħmel." U meta tkun tridu jieqaf għidlu, "Saqqaf!" |
| NARRATUR: | Ix- xwejħa rringrazzjathom u flimkien maż- żagħżugħ qabdet triqitha lejn id-dar. Tistgħu taħsbu kif kienet fuq ix-xwiek biex tara dak il-bastun x'kien se jagħmel. Malli waslet ġo darha qabdet il-bastun f'idha u qaltlu: |
| NANNA: | "Agħmel li għandek tagħmel!" |

NARRATUR: F'daqqa waħda dak il-bastun beda jaqbeż u jogħla u jferrex fuqha xita ta' liri tad-deheb. Ix-xiħa lanqas riedet temmen lil għajnejha. L-art tal-kamra tagħha mtliet kollha liri tad-deheb. Meta ġiet f'sensiha x-xiħa qaltlu:

NANNA: "Saqqaf!"

NARRATUR: U l-bastun waqaf.

NANNA: Issa kif se naqbad ngħoddhom dawn il-flus kollha? Iva, naf kif nagħmel. Immur għand il-ġara tiegħi. Dik furnara u d-dqiq tkejlu bis-siegħ. Nitlobha tislifhuli ftit.

NARRATUR: Issa għandkom tkunu tafu li din il-furnara kien mara kattiva. Għalkemm kienet taf li dik ix-xwejħa kienet mara fqira, qatt ma kienet tħenn għaliha. Għalhekk meta x-xwejħa marret titlobha biex tislifha s-siegħ, il-furnara bdiet taħseb ħażin.

FURNARA: *(bejnha u bejn ruħha)* Dan x'jista' għandha xi tkejjel, mara fqira bħal dik? Imma daqt inkun naf, issa nwaħħlilha biċċa għaġina fil-qiegħ u b'hekk inkun naf għal xiex kienet qed tużah.

NARRATUR: U hekk għamlet. Tistgħu taħsbu l-furnara kif baqgħet skantata meta x-xiħa marret tagħtiha s-siegħ lura u mal-għaġina tal-qiegħ sabet imwaħħla lira tad-deheb. U tant bdiet tredden u tistaqsiha mnejn ġabet dawk il-flus kollha ... u tant damet tiffittaha li sa fl-aħħar ix-xwejħa qaltilha bil-biċċa kollha. Il-furnara mtliet bil-għira u waħħlitha f'moħħha li dak il-lejl stess tmur fil-foresta biex tfittex id-dar fejn kienu jgħixu dawk iż-żgħażagħ.

Malli tela' l-qamar, il-furnara telqet timxi u timxi, u wara sagħtejn mixi sabet id-dar bid-dawl jixgħel fit-tieqa. Sabet kollox kif qaltilha x-xwejħa. Ġie fetħilha ż-żagħżugħ il-kbir, tawha tiekol u wara l-ikel iż-żagħżugħ staqsieha:

JANNAR: Allura Nann, x'tgħidilna dwar Jannar?

FURNARA: Jannar m'hawnx agħar minnu! Ħlief kesħa u maltemp ma jafx jagħtina. Puh kemm ma naħmlux!

FRAR: U x'jidhirlek minn Frar?

FURNARA: Xi tridu jidhirli? Gwapp daqs Jannar. Kesħa fina u xita ma taqta' xejn. Isakkarna ġewwa qisna ġrieden ... ja mgħarraq li hu!

NARRATUR: U hekk baqgħet sejra, tgerger u tmaqdar kull xahar li jsemmulha.

FURNARA: Marzu? Ajma j'ommi! Iġibilna kesħa aktar minn Frar. U April xahar miġnun, għax filli tkun ix-xemx u filli x-xita. X'inhu? Trid taf dwar Mejju? Mejju jistordini bl-irjieħ li jaf jaqla'.

NARRATUR: U hekk baqgħet sejra tredden. Qalet li f'Ġunju tibda s-sħana u l-qtigħ ta' nifs. Lulju u Awwissu qalet li m'hawnx agħar minnhom għax jixwuha bix-xemx qalila tagħhom. Settembru kien ix-xahar misħut tar-riħ isfel, u Novembru u Diċembru

jerġgħu jġibu l-kesħa u d-dlam. F'kull xahar sabet xi ħaġa ħażina u maqdrithom kollha kemm huma. Qabel ma l-furnara telqet lura lejn darha, iż-żagħżugħ il-kbir qalilha:

JANNAR: Ħa, żomm dan il-bastun. Meta tasal id-dar għidlu, "Agħmel li għandek tagħmel." U meta tkun tridu jeqaf għidlu, "Saqqaf!"

NARRATUR: Il-furnara telqet tiġri bla nifs lejn darha. Kellha seba' mitt sena sa ma tasal biex tara dawk il-liri tad-deheb niżlin jitferrxu fuqha. Imma malli lill-bastun qaltlu, "Agħmel li għandek tagħmel!" dan beda jiġri warajha u jċaqċqilha kemm jiflaħ fuq saqajha. Kemm bdiet tiġri u tgħajjat il-furnara! U bil-qatgħa li kellha fuqha nsiet x'suppost kellha tgħidlu biex jieqaf.

FURNAR: Ajma .. ajma ... żomm ... iskot ... ħallini .... ieqaf!

NARRATUR: Tgħidx kemm damet tiġri mad-dar, bil-bastun jiġri warajha, sa ma ftakret il-kelmiet u qaltlu, "Saqqaf!"

Bir-rabja li kellha, il-furnara qabdet il-bastun, qasmitu fi tnejn u rmietu 'l barra mit-tieqa. Imma dak il-ħin sewwa, minn quddiem id-dar tagħha nzerta għaddej xwejjaħ fqir, li meta lemaħ dak il-bastun maqsum, waqaf iħares lejh u qal:

XIĦ: Kemm hu sabiħ dal-bastun. Dan nieħdu u nsewwih!

NARRATUR: U hekk għamel. Ħadu d-dar, sewwieh u beda jużah. Darba waħda, bla ma jaf kif, ġew ġo moħħu l-kelmiet:

“Agħmel li għandek tagħmel!”

U malli qal dan il-kliem, il-bastun beda jferra’ fuqu xita ta’ liri tad-deheb.